**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar, 2002**

**Numru 25**

**Avviz numru 1667/01JR**

**Maltacom plc**

**vs**

**BDS Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Dicembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u dsatax-il lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm219.77), rapprezentanti ammont dovut wara bejgh u kunsinna ta' cables fuq ordni taghhom stess u dan skond fattura numru 7935, kopja annessa u markata Dok.A;**

**Illi s-socjeta` konvenuta giet interpellata sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir  il-kawza;**

**Bl-ispejjez u imghaxijiet legali kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Noel Scerri ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u dsatax-il lira Maltija u sebgha u sebghin centezmu (Lm219.77),  bl-imghaxijiet legali mit-3 ta' Dicembru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**